MALTA

# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## Magistrat Francesco Depasquale

**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Illum l-Hamis, 10 ta' Jannar 2019**

Rikors Numru 211/2013

**Mario Farrugia (ID 345667M) kemm personalment kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tal-Fondazzjoni Wirt Artna (VO/0117)**

**vs**

**Martin Baron**
**(ID 3234859M)**

Il-Qorti,

### 1. Premessi

1. Rat ir-rikors promotur ippresentat fid-19 ta' Lulju 2013 fejn ir-rikorrenti talab is-segwenti:

   *1. Prevja dikjarazzjoni ta' dina l-Qorti illi l-"comments" tieghek fuq is-sit timesofmalta.com, datati it-22 ta' Lulju 2012, id-19, l-20 u it-22 ta' Novembru 2012, illi jinsabu imberflin bil-blu fid-dokumenti "A", B" u "C" uniti in kopja ma' dan l-att u li ghadhom hekk posted sallum stess u illi taghhom inti l-awtur, huma libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikrorenti u ghandhom bhala skop illi itellfu jew inaqqsu ir-reputazzjoni tal-istess rikorrenti.*

   *2. tigi ikkundanna thallas lir-rikorrenti dik is-somma illi tigi likwidata minn dina l-Qorti ai termini tal-artikolu 28 tal-Ligi Dwar l-Istampa (Kap 248)*

2. Rat ir-risposta ta' l-intimat **Martin Baron** ippresentati fis-27 ta' Marzu 2014 fejn laqa' ghal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difizi:

1. *Illi fl-ewwel lok, m'hemm xejn li jista' jitqies libelluz fil-brani msemmija mill-attur.*

2. *Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fi kwalunkwe kaz jidher li dak li kiteb l-esponent huwa fil-limiti ta' dak li huwa permess f'socjeta demokratika, apparti li l-istess attur immalafama u ingurja lill-istess konvenut kemm il-darba fuq in-negozju tieghu u allura hemm ukoll element ta' kompensazzjoni jekk qatt hemm xi xorta ta' ingurja*

3. *Illi di piu kwalumkwe haga li qal l-esponent tammont ghal fair comment skond il-Ligi tal-Istampa.*

4. *Illi ghall-bqija, t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt*

## 2. Provi

1. Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Mario Farrugia** moghtija fis 7 ta' Lulju 2014 u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

2. Rat id-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti fis-sednta tal-24 ta' Ottubru 2014.Semghet ix-xhieda tar-rikorrent George Buttigieg moghtija fit 8 ta' Frar 2012.

3. Rat l-affidavit ta' Mario Farrugia ppresentata fil-21 ta' April 2015.

4. Semghet ix-xhieda ta' **Dr Anthony Pace**, Sovratendent tal-Wirt Kulturali, moghtija fis 17 ta' Marzu 2016.

5. Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' **Dr Anthony Pace**, Sovratendent tal-Wirt Kulturali, moghtija fl 20 ta' Gunju 2016 u rat il-pjanti esebiti mill-istess xhud in konnessjoni mal-'Guardianship Deed' moghtija lill Fondazzjoni Wirt Artna tas-Saluting Battery tal-Barrakka ta' Fuq u kmamar ohra.

6. Rat il-"*Guardianship Deed*" datat 26 ta' Jannar 2009 moghti lill Fondazzjoni Wirt Artna ghall-periodu ta' ghaxar snin tas-Saluting Battery u swali sottostanti ippresentat mir-rikorrent fl-20 ta' Lylju 2016 (fol 184-195)

7. Semghet ix-xhieda ta' **Herman Grech**, bhala editur tal-portal www.timesofmalta.com moghtija fit 28 ta' Novembru 2016.

8. Rat illi fl-20 ta' Frar 2017 ir-rikorrent ippresenta kopja tal-artikolu ili deher fuq is-sit www.timesofmalta.com flimkien ma' kummenti, liema artikolu kien ippubblikat fit 22 ta' Lulju 2012, kopja ta' liema artikolu w kummenti il Qorti gia kellha u kienu gew ippresentati mir-rikrorent flimkien mal-avviz promotur.

9. Rat illi fl-20 ta' Frar 2017 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellux aktar provi x'jippresenta.

10. Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta' Mario Farrugia moghtija fil 15 ta' Gunju 2017.

11. Rat l-affidavit ta' l-intimat **Martin Baron** ippresentat fid 9 ta' Ottubru 2017 u d-dokumentazzjoni mieghu anness.

12. Semghet ix-xhieda ta' **Stephania Dimech Sant**, fiz-zmien Policy Co-ordinator fi hdan is-Segretarjat tal-Prim Ministru, prodotta mill-intimat u moghtija fis 16 ta' Novembru 2017 u rat l-emails minnha esebiti.

13. Semghet ix-xhieda ulterjuri in ezami ta' Martin Baron moghtija fil 15 ta' Jannar 2018 u rat l-emails minnu ppresentati.

14. Semghet ix-xhieda ta' **Martin Bajada**, CEO tal-Awtorita tal-Artijiet, prodott mill-intimat u moghtija fil 15 ta' Frar 2018.

15. Semghet ix-xhieda ta' **Joseph F Caruana**, illum Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru tal-Ambjent u Zvilup Sostenibbli u Tibdil fil-Klima u, precendentement, Direttur Generali fl-ufficcju tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tat-Trasport, prodott mill-intimat u moghtija fil 15 ta' Frar 2018.

16. Semghet ix-xhieda ta' **Eman Schembri**, illum Chief Officer fil-Malta Industrial Parks, u precendetement Direttur Generali fid-Dipartiment tal-Artijiet., prodott mill-intimat u moghtija fl-14 ta' Mejju 2018.

17. Semghet ix-xhieda ta' **Dr Stephen Spiteri**, Senior Lecturer fl-Institute of Baroque Studies, prodott mill-intimat u moghtija fl-14 ta' Mejju 2018.

18. Rat illi fit 18 ta' Mejju 2018 il-partijiet qabblu illi ma kienx hemm provi ohra x'jippresentaw u li ghalhekk il-kawza setghet tithalla ghas-sottomissjonijet finali bil-miktub.

19. Rat is-sottomissjonijet rikorrenti ippresentati fl-4 ta' Ottubru 2018.

20. Rat is-sottomissjonijet intimati ppresentati fis 26 ta' Novembru 2018.

21. Rat illi fis-26 ta' Novembru 2018 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

## 3. Konstatazzjonijiet fattwali.

1. Jirrizulta illi r-rikorrenti, Mario Farrugia, huwa c-Chairman tal-**Fondazzjoni Wirt Artna** illi hija Fondazzjoni mhux governattiva kkreata fis-sena 1987 sabiex, fi kliem Farrugia stess, "*tqajjem kuxjenza pubblika fuq il-wirt nazzjonali ta' Malta u Ghawdex*" u "*tiehu hsieb ukoll certi propretajiet li jigu mghoddija lilha sabiex jigu ppreservati ghall-wirt nazzjonali*".

2. Jirrizulta illi fis-26 ta' Jannar 2009, l-Fondazzjoni Wirt Artna inghatat mis-Sovraintendent ghall-Wirt Kulturali bl-approvazzjoni tal-Gvern, permezz ta' "*Guardianship Deed*", l-uzu u l-operat tal-Lascaris War Headquarters, is-Saluting Battery li hemm taht il-Barrakka ta' Fuq w il-Saint Peter and Saint Paul's Counterguard, u dana sabiex jigi operat "*a large-scale multi period Heritage Park*" a spejjez ta' l-istess Fondazzjoni.

3. Jirrizulta illi l-intimat Martin Baron ghandu Kiosk, ossija Bar & Restaurant, illi jinsab mal-gemb tal-Barrakka ta' Fuq, fid-dahla tas-Saluting Battery illi tinstab fil-gemb ta' l-istess Barakka, liema Kiosk jismu *Cafe Deux Baronnes*.

4. Jirrizulta illi, ghalkemm l-art ossija passagg illi fih jinsab il-Kiosk ta' l-intimat ma jiffurmax parti mill-art mghoddija lill-Fondazzjoni rikorrenti permezz tal-fuq imsemmi '*Guardianship Deed*', il-Fondazzjoni ottnejniet permess fit-30 ta' Novembru 2012 minghand l-Awtorita' tal-

Ippjanar Nru PA 1237/12 imsejjah kif gej: "***Saluting Battery, Battery Street, Belt Valletta: restoration and reintstatement of original saluting battery entrance including demolition of existing restaurant and reconstruction of Master Gunner's Quarters***" fejn, fost l-affarjiet illi kien ser isiru tramite tal-permess, kien ser jitwaqqa il-Kiosk fil-pussess ta' l-intimat Martin Baron u floku kien ser terrggha tittella binja illi kien hemm fi zmien l-Inglizi, maghrufa bhala "***Master Gunner's Quarters***".

5. Jirrizulta illi, fl-1 ta' Dicembru 2011, l-intimat Martin Baron gie mgharraf mill-Kummissarju tal-Artijiet illi l-kirja ta' kiosk, mwejjed u siggijiet fi Triq il-Batterija, Valletta, kienet qieghda tigi tterminata fi zmien tlett xhur mid-data tal-ittra.(fol 68)

6. Jirrizulta illi, nelfrattemp, l-intimat, konxju tal-fatt illi kien ser jittehidlu l-kjosk, ghamel Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Kummissarju tal-Artijiet, liema Mandat, izda, gie michud fit-30 ta' Marzu 2012. (fol 75)

7. Jirrizulta wkoll illi l-intimat attenda ghal varji laqghat mal-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jinghata sit alternattiv min fejn jopera, izda baqa' joggezzjona ghal kwalsiasi tip ta' sit alternattiv, fejn dejjem argumenta illi s-sit tal-Master Gunner's Quarters' flok il-kiosk tieghu kienet invenzjoni tal-Fondazzjoni sabiex tqacctu minn fejn kien.

8. Jirrizulta, di fatti, illi l-intimat appella mill-permess mahrug lill Fondazzjoni mill-Awtorita fl-4 ta' Jannar 2013 (fol 83), liema Appell gie michud mit-Tribunal ta' Revizjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar fit-30 ta' Lulju 2013 fejn, inter alia, t-Tribunal ikkonferma illi fis-sit fejn presentement hemm il-Kiosk ta' l-intimat, kien hemm precedentement il-Master Gunner's Quarters, a differenza ta' dak illi kien qieghed jallega l-intimat.

9. Jirrizulta ukoll illi, nelfrattemp, l-intimat nieda kampanja medjatika kontra l-Fondazzjoni rikorrenti u Martin Farrugia personalment dwar il-progett li kienet tinkludi l-Master Gunner's Quarters, li kienet tinkludi artikoli illi dehru fuq is-sit www.timesofmalta.com kemm fit 22 ta' Lulju 2012 intitolat "***Cafe owner goes to war over plans for gunner's quarters***", kif ukoll fid 19 ta' Novembru 2012 intitolat "***Valletta restauranteur insists Mepa permit was issued on basis of wrong information***" u fit 22 ta' Novembru 2012 intitolat "***War of words over Master Gunner's Quarters hots up***"

10. Jirrizulta illi, bhalma hija l-prassi tas-sit elettroniku www.timesofmalta.com, taht t-tlett artikoli fuq imsemmija, thallew jghaddu kummenti qarrejja varji, u bhalma jigri dejjem, hafna espremew il-veduti eruditi taghhom dwar l-progett propost mill-Fondazzjoni w l-oggezzjonijiet ta' l-intimat Baron, min favur u min kontra.

11. Jirrizulta wkoll illi l-intimat Baron ghamel varji interventi f'tali blogs, fejn ghamel varji allegazzjonijiet fil-konfront tal-Fondazzjoni, filwaqt illi r-rikorrent ghamel ukoll varji interventi sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet maghmulha mill-intimat.

12. Jirrizulta illi dawna l-kummenti ta' l-intimat wasslu sabiex r-rikorrenti jniedu l-proceduri odjerni.

13. Jirrizulta wkoll, finalment, illi ghalkemm il-kirja ta' l-intimat giet itterminata fl-1 ta' Dicembru 2011, l-intimat ghadu jopera l-Kiosk sa llum filwaqt illi x-xogholijiet illi ghalihom l-Fondazzjoni ottjeniet permess, fejn jirrigwardaw il-"***Master Gunner's Quarters***", ghadhom ma sarux sa llum il-gurnata u access ghas-Saluting Battery ghadu isir minn gewwa il-Barrakka ta' Fuq u mhux mid-dahla tal-gemb fejn hemm il-Kiosk ta' l-intimat.

**5. Konsiderazzjonijiet dwar id-difiza mressqa**

1. Jirrizulta illi l-intimat, fid-difiza tieghu, qajjem difiza wahda principali, ossija illi ma kien hemm xejn libelluz f'dak illi kiteb u, semmai, dak li kiteb kien attwalment '*fair comment*'.

2. Dwar id-difiza ta' 'fair comment', **Gatley on Libel and Slander** jghid is-segwenti,:

   *To succeed in a defence of fair comment the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. He must also show that there is a basis of fact for the comment, contained or referred to in the matter complained of. Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If, however, the plaintiff can show that the comment was not made honestly or was actuated by malice, he will defeat the plea.*

3. Jirrizulta illi, kif kien stqarr Lord Denning fil-kawza **London Artists Ltd v Littler** [1969] 2 QB 375, 391:

   *"In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 KB 360,364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn – as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] AC 345; <u>but he must get them right and be ready to prove them to be true</u>."*

4. Jirrizulta ukoll illi dwar jekk id-difiza ta' "*fair comment*" tregix, fis-sens jekk dak illi qal l-intimat ghandhux jitqies bhala allegazzjoni ta' fatt jew "fair comment", l-Qorti taghmel referenza ghal dak illi stqarr Lord Potter f'diskors illi kien ghamel lill-House of Commons fis-sena 1952 [AC 345], fejn qal is- segwenti:

   *"The question, therefore, in all cases is whether there is a sufficient substratum of fact stated or indicated in the words which are the subject-matter of the action, and I find my view well expressed in the remarks contained in Odgers on Libel and Slander, 6th Edition (1929), p 166. 'Sometimes, however,' he says, 'it is difficult to distinguish an allegation of fact from an expression of opinion. It often depends on what is stated in the rest of the article. If the defendant accurately states what some public man has really done, and then asserts that 'such conduct is disgraceful,' this is merely the expression of his opinion, his comment on the plaintiff's conduct. So, if without setting it out, he identifies the conduct on which he comments by a clear reference. In either case the defendant enables his readers to judge for themselves how far his opinion is well founded; and, therefore, what would otherwise have been an allegation of fact becomes merely a comment. <u>But if he asserts that the plaintiff has been guilty of disgraceful conduct, and does not state what that conduct was, this is an allegation of fact for which there is no defence but privilege or truth.</u> The same considerations apply where a defendant has drawn from certain facts an inference derogatory to the plaintiff. <u>If he states the bare inference without the facts on which it is based, such inference will be treated as an allegation of fact</u>. But if*

*he sets out the fact correctly, and then gives his inference, stating it as his inference from those facts, such inference will, as a rule be deemed a comment. But even in this case the writer must be careful to state the inference as an inference, and not to assert it as a new and independent fact; otherwise, his inference will become something more than a comment, and he may be driven to justify it as an allegation of fact.' (sottolinjar tal-Qorti)*

5. Lokalment, il-Qrati taghna dejjem hadu linja cara dwar id-difiza ta' kumment gust, liema difiza hija carament rrapurtata fis-sentenza **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** deciza fit 30 ta' April 2015, fejn intqal is-segwenti:

   *dwar l-aspett tad-difiża tal-kumment ġust ilu żmien jingħad mill-Qrati tagħna li, biex id-difiża tal-kumment ġust tkun tgħodd, jeħtieġ li min jistrieħ fuqha jseħħlu juri li (a) l-kumment kien imsejjes fuq fatt li jkun issemma fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment; (b) il-fatt imsemmi jrid ikun sostanzjalment minnu; (ċ) il-kumment irid jintwera li jkun ġustifikabbli jew mistħoqq; (d) il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u (e) irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u li l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma saritx b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.*

**6. Konsiderazzjonijiet dwar it-talba**

1. Jirrizulta illi r-rikorrent Farrugia, fix-xhieda tieghu, indika varji allegazzjonijiet u frazijiet illi saru mill-intimat fil-konfront tieghu u tal-Fondazzjoni, liema allegazzjonijiet huwa sab oggezzjonabbli u malafamanti fil-konfront taghhom.

2. Jirrizulta illi fost tali allegazzjonijet kien hemm:

   a. illi l-Fondazzjoni kienet ser taghmel qliegh konsiderevoli mill-kiri tas-Saluting Battery, li ghalih huma ma ghandhom ebda dritt;
   b. Illi l-Fondazzjoni ma kellha ebda titolu fuq is-Saluting Battery u illi kienet qed tipprova tisraq l-art illi fuqha kien hemm il-kiosk tieghu;
   c. Illi l-Fondazzjoni kienet qed taghmel qliegh minn fuq ic-cittadin billi tisraq u tuzurpa bicciet art u tuzahom ghall-qliegh;
   d. Illi l-Gunner Master's Quarters qatt ma kien fejn kien hemm il-kiosk, izda kienu aktar 'l isfel, u ghalhekk kienet kollha invenzjoni tal-Fondazzjoni sabiex tqajjctu 'l barra u ccahhad in-nies mill-veduta accessibbli mill-hanut tieghu filwaqt illi taghmel qliegh a skapitu ta' kullhadd.

3. Jirrizulta, madanakollu, illi ghalkemm l-intimat jishaq illi l-Fondazzjoni ma kellha ebda dritt ghas-Saluting Battery u l-uzu taghha u illi hija kienet serqet l-uzu tieghu, jirrizulta mill-provi prodotti, kemm permezz ta' kuntratti kif ukoll pjanti esebiti mis-Sovraintendenza tal-Wirt Kulturali illi attwalment il-Fondazzjoni kienet inkriet varji partijiet f'dik iz-zona, inkluzi, fost affarjiet, il-gonna u l-area kollha maghrufa bhala Saluting Battery.

4. Jirrizulta wkoll illi l-intimat jishaq illi l-Fondazzjoni kienet qed taghmel qliegh kbir mis-Saluting Battery u minghajr permess la mis-Sovraintendenza u wisq anqas mill-Kummissarju

ghall-Ghaqdiet tal-Volontarjat. Madanakollu, mill-provi prodotti, jirrizulta illi s-Sovraintendenza kienet ben konxja tal-fatt illi l-Fondazzjoni kienet qieghda tikri s-Saluting Battery, liema kirja hija necessarja sabiex tiffinanzja l-varji progetti ta' restawr illi hija kellha ma Malta u Ghawdex. Jirrizulta wkoll illi l-Kummissarju tal-Ghaqdiet tal-Volontarjat ma sab xejn oggezzjonabbli fil-qliegh mill-kiri tas-Saluting Battery, minkejja illi indika li metodologija differenti minn dik adoperata kellha tintuza.

5. Jirrizulta, finalment, illi l-intimat jishaq illi s-sit tal-Gunner Master's Quarters kienet invenzjoni tal-Fondazzjoni stante illi kellha tkun sitwata aktar 'l isfel u mhux fejn hemm il-kjosk tieghu. Madanakollu, kemm it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Planning kif ukoll l-espert prodott mill-intimat stess, Dr Stephen Spiteri (fol 374 etc), lkoll ikkonfermaw illi l-Fondazzjoni kienet korretta meta indikat illi kien hemm binja maghrufa bhala 'Gunner Master's Quarters' fejn attwalment kien hemm il-kjosk ta' l-intimat, liema konferma kienet tmur diametrikament oppost minn kull allegazzjoni illi kien ghamel l-intimat, kemm fuq il-mezzi tax-xandir, kif ukoll fil-kummenti tieghu u quddiem dina l-Qorti.

6. Jirrizulta, mill-banda l-ohra, illi l-allegazzjonijet w instigazzjonijiet maghmulha mill-intimat fil-konfront tal-Fondazzjoni sabu l-appogg ta' varji kummentaturi eruditi ohra illi ghollew il-livel tal-gherf registrat fil-kummenti taht l-artikoli ppubblikati fuq is-sit elettroniku <u>www.timesofmalta.com</u>, fejn il-Fondazzjoni kif ukoll ir-rikorrent Farrugia stess, spiccaw mghajjra u akkuzati b'serq, arroganza u qerq rizultat tal-allegazzjonijiet illi ghamel fil-konfront taghhom l-intimat, liema tghajjir sar kollox rizultat tal-allegazzjonijiet ta' l-intimat illi, gew ippruvat, ma kienux ibbazati fuq fatti sostanzjlament korretti.

7. Ghalhekk, il-Qorti ma ghandha ebda diffikulta tiddikjara il-kummenti u allegazzjonijiet illi ghamel l-intimat fil-konfront tar-rikorrent Mario Farrugia personalment kif ukoll l-Fondazzjoni Wirt Artna bhala libelluzi u malafanti fil-konfront taghhom, liema kummenti kienu intizi unikament sabiex jirrekaw hsara lill-istess rikorrenti a beneficcju ta' l-intimat u dana stante illi <u>ma humiex</u> ibbazati fuq fatti "sostanzjalment korretti", izda, anzi, huma bbazati fuq supposizzjonijiet u allegazzjonijiet ta' l-intimat intizi unikament sabiex jiggwadanja huwa personalment.

## 7. Konsiderazzjonijiet ta' danni

1. Il-Qorti tosserva illi fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet '***Dr Andrew Borg Cardona et vs Aaron Farrugia***' deciza fit 18 ta' Dicembru 2018, il-Qorti kellha dan xi tghid dwar il-kalkolu tad-danni:

> *"il-qorti hi tal-fehma li jkun iktar floku jekk f'kawza ta' libell l-ewwel qorti fis-sentenza taghti r-ragunijiet li jkunu wassluha biex tillikwida s-somma li tikkundanna lill-konvenut ihallas. Hemm diversi ragunijiet, bhal per ezempju:*
>
> - *In-natura u s-serjeta tal-allegazzjoni li tkun saret fid-dikjarazzjoni malafamanti;*
> - *Il-mezz tal-pubblikazzjoni;*
> - *Kemm id-dikjarazzjoni malafamanti tkun inxterdet;*
> - *Li l-awtur ikun ghamel apologija jew offra li jaghmel apologija;*
> - *Provi dwar ir-reputazzjoni tal-attur;*
> - *Fejn il-konvenut ikun invoka l-verita tal-fatti, jekk parti mill-fatti li jkun gew imxandra jkunu rrizultaw li huma veri; "*

2. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-hsieb u l-konsiderazzjoni tal-Qorti tal-Appell, u filwaqt illi taghmilha taghha, taghmel ukoll referenza ghall-gurisprudenza ohra fejn jirrigwarda l-kalkolu ta' danni.

3. Jirrizulta illi fil-kaz **CLEESE V CLARK & Associated Newspapers** deciz mill-England and Wales High Court (Queen's Bench Division) fis-sitta ta' Frar 2003, l-Imhallef Eady kellu dan xi jghid dwar l-kuncett ta' danni:

*37. The purpose of libel damages is threefold:*

*(1) to compensate for distress and hurt feelings;*
*(2) to compensate for any actual injury to reputation which has been proved or which may reasonably be inferred:*
*(3) to serve as an outward and visible sign of vindication.*

*38. It is necessary always to take into account the full circumstances of the case. Such factors have to be borne in mind as the gravity of the allegations, the scale of publication, the extent to which any readers believed the words to be true, any impact upon the claimant's feelings, reputation or career. There may be matters of aggravation or mitigation which also need to be put in the scales. It is, moreover, often the case that the claimant's own conduct will have a part to play in arriving at the appropriate figure. A fundamental point always to be remembered is that the purpose of such damages, and indeed compensation awarded under s.3(5), is compensatory and not punitive. It is also wel1 sealed that financial compensation (unlike any penalty) is to be awarded without regard to the parties' means. It is thus inappropriate to award higher compensatory damages because a newspaper group is perceived as having immense wealth; correspondingly, it would be inappropriate to award a rich claimant a greater sum than one who is less well off simply because the damages in contemplation might seem to him or her merely a drop in the ocean.*

4. Kif inghad fil-ktieb '**Defamation, Law, Procedure and Practice**' ta' David price u Korieh Duodu: (20-04)

*The amount of damages awarded in respect of vindication and injury to reputation and feelings depends on a number of facts:*

*i. The gravity of the allegation*
*ii. The size and influence of the circulation*
*iii. The effect of the publication*
*iv. The extent and nature of the claimant's reputation*
*v. The behaviour of the defendant*
*vi. The behaviour of the claimant.*

5. Lokalment, jirrizulta illi fil-kawza deciza fis sitta ta' Frar 1950 mill-Prim Awla fl-ismijiet **Onor. Paul Boffa noe et vs Paul Zammit** (vol. XXXIV p. II. p. 480), intqal is-segwenti:

*"Il-mezzi li l-ligi tuża sabiex tirrepara u tirristabilixxi d-dritt vjolentement spostat fuq il- bażi tiegħu huma diversi... Infatti... min jonqos minn obbligazzjoni jigi*

*obbligat jadempiha fil-forma specifika jew jigi kundannat għar-riparazzjoni tad-danni bħala surrogat reintegrattiv. Imma hemm certi fattijiet li huma rriperabbli bħal meta jkun hemm id-distinzjoni, il-għaliex hu logiku u naturali li dak li jigi distrutt ma jistax jerga' jirritorna taħt l- ebda forma. (Il-bniedem maqtul, l-unur tal-persuna kalunjata jew malafamata huma eżempju ta' fattijiet irreparabbli)."*

6. Fil-kaz '**Lawrence Cachia Zammit et vs Carmelo Chetcuti A&CE**', deciz mill-Prim'Awla fit-8 ta' Novembru 1957, il-Qorti qalet is-segwenti:

   *"L-interess biex wieħed jagixxi jista' jkun pekunarju u anke morali, purche' guridiku, jigifieri korrispondenti għall-lezzjoni ta' veru dritt; u għalhekk ittra mibgħuta lil persuna, li tilledi l- onorabilita' ta' persuna oħra, tagħti lil dan ta' l-aħħar id- dritt li titlob il-protezzjoni tal-ligi biex tottjeni dikjarazzjoni mill-Qorti tal-falsita' tal-kontenut ta' dik l-ittra;* ***u dan avvolja l-persuna offiża ma tkunx sofriet danni materjali****."*

7. Finalment, fil-kaz "**Carmel Tonna et –vs- Felix Agius et**", deciza fit- 23 ta' Marzu 1993 (Vol LXXVII pII p87) il-Prim'Awla talQorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Joseph Said Pullicino, kienet irriteniet li kellha tinzamm sens ta' proporzjon in materja tal-likwidazzjoni tad-danni. Il-Qorti, di fatti, kienet qalet illi

   *"l- azzjoni ta' libell, biex tkun verament effikaci u gusta, ghandha tigi adoperata b'gudizzju u cirkospezzjoni, tenut kont ta' l-ingurja, il-gravita` taghha, lejn min tkun diretta u lil min tkun mahsuba tilhaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista' tiggenera".*

8. Mehud dana kollu in konsiderazzjoni, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijet:

   a. Il-Fondazzjoni rikorrenti hija Ghaqda Non Governattiva illi ghandha, bhala l-ghan principali taghha, dak li "*tqajjem kuxjenza pubblika fuq il-wirt nazzjonali ta' Malta u Ghawdex*" u "*tiehu hsieb ukoll certi propretajiet li jigu mghoddija lilha sabiex jigu ppreservati ghall-wirt nazzjonali*" fejn il-qliegh minnha ggenerat jintuza unikament ghar-restawr ta' propretarjiet ohra sabiex jigu ppreservati ghall-generazzjoni futura.

   b. L-intimat huwa negozjant illi jgawdi minn uzu ta' Kjosk, illum il-gurnata minghajr ebda titolu, gewwa parti minn sit storiku, illi nieda kampanja ta' misinformazzjoni u attakki personali fil-konfront tar-rikorrenti bil-ghan illi ma tittehidlux l-kjosk illi, rizultat ta' progett ta' preservazzjoni tas-Saluting Battery, kien ser jittehidlu.

   c. L-intimat, rizultat tal-attakki minnu mnieda kontra r-rikorrenti, ghadu, sa llum il-gurnata, jokkupa l-kjosk u joperah bi qliegh, minkejja illi suppost, tmien snin ilu, huwa gie ordnat mill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex jivvaka minn tali art.

d. L-intimat ibbenefika bi kbir mill-attakki u l-allegazzjonijiet minnu maghmulha kontra r-rikorrenti, u dana a skapitu tal-wirt kulturali illi kien ser jigi restawrat u ppreservat mill-Fondazzjoni rikorrenti.

e. Dana qieghed jinghad ghax, filwaqt illi l-Fondazzjoni rikorrenti tista tkun qieghda taghmel qliegh minn certi fondi, precendetement abbandunati izda minnha restawrati, u dana sabiex tkun tista tkompli tirrestawra u tiehu hsieb fondi storici ohra f'varji postijiet f'Malta illi, qabel l-involviment taghhom, kienu fi stat ta' abbandun, l-intimat, mill-banda l-ohra, qieghed jaghmel qliegh minn uzu ta' art pubblika, li l-kirja taghha intemmitlu fl-ahhar tas-sena 2011, liema qliegh hija kollha ghalih personalment u hadd aktar ma hu qieghed jibbenefika mill-qliegh tieghu salv l-intimat personalment.

f. Ir-rikorrenti, madanakollu, minkejja d-dokumentazzjoni varja illi giet ippresentata quddiem dina l-Qorti, qatt ma ppresentat prospett ta' danni illi setghet sofriet rizultat tal-allegazzjonjiet malafamanti u libeluzi illi ghamel l-intimat fil-konfrot taghha w il-progett taghha, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tillikkwida danni bhala telf sofferti mir-rikorrenti

g. Nonsotante dan, jirrizulta ben car illi l-allegazzjonijet ta' l-intimat inghataw prominenza kbira minn mezzi tax-xandir, ossija gazzetti illi setghu kienu mitluba mill-intimat stess sabiex jirrappurtaw u jiktbu fatti inveritjeri fil-konfront tar-rikorrenti, u tali allegazzjonjiet ottjenew l-approvazzjoni ta' hafna persuni ghorriefa ohra illi hassew illi huma wkoll kellhom jikkritikaw u jattakaw l-agir u l-progett tal-Fondazzjoni rikorrenti.

h. Il-Qorti tosserva ukoll illi l-hsieb u l-intenzjoni wara il-kummenti ta' l-intimat ma kienux sabiex jaghti "*fair comment*", dwar il-fatti tal-kaz, izda sabiex jaghmel hsara lill-Fondazzjoni u lill-pjanijiet illi hija kellha permezz ta' allegazzjonijiet fuq fatti illi gew ippruvati illi ma kienux sostanzjalment korretti, liema hsara certament wassal ghall-intenzjoni illi huwa kellu, u dana peress illi, ghalkemm kellu jitkecca minn hemm fl-ahhar tas-sena 2011, aktar minn tmien snin wara, huwa ghadu qieghed jopera minn hemm bi qliegh filwaqt illi l-progett tal-Fondazzjoni twaqqaf.

i. Jirrizulta, ghalhekk, minghajr ebda dubju, illi giet attwalment ikkawzata hsara lill-Fondazzjoni rikorrenti u lir-rikorrenti stess, u ghalkemm kwalsiasi danni hekk likwidati minn dina l-Qorti ma jistghu qatt jaghmlu tajjeb ghad-dannu soffert mir-rikorrenti u jerrgghu jirripristinaw ir-reputazzjoni taghhom ma dawk il-kummentaturi illi ghogobhom jiggudikaw l-operat tar-rikorrenti abbazi tal-kummenti ta' l-intimat u l-agenda personali tieghu, madnakollu il-Qorti tqis illi, tenut kont tal-mod kif saru l-allegazzjonijiet, l-agir ta' l-intimat u l-persistenza fl-allegazzjonijiet w il-vantagg illi minnha gawda l-intimat rizultat tal-allegazzjonjiet tieghu, is-somma ta' hamest elef Euro (€5,000) f'danni hija wahda gusta u meritata.

j. Il-Qorti, madanakollu, ma tistax ma tosservax b'dispjacir kbir, id-dewmien inutili u zejjed illi tali kawza hadet, fejn ir-rikorrenti w il-konsulenti legali tieghu hadu aktar tlett snin u nofs sabiex iressqu l-provi taghhom, b'diversi talbiet ghal differiment,

filwaqt illi l-intimat w il-konsulenti legali tieghu hadu ferm anqas, u dana ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonjiet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Wara illi ghamlet il-konsiderazzjonjiet kollha taghha kif fuq spjegat,

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat,

**Tilqa** t-talba tar-rikorrenti kif dedotti u

**Tiddikjara** il-kontenut ta' l-kummenti ta' l-intimat Martin Baron fuq is-sit www.timesofmalta.com, taht l-artikoli li dehru fit-22 ta' Lulju 2012 intitolat "***Cafe owner goes to war over plans for gunner's quarters***", kif ukoll fid-19 ta' Novembru 2012 intitolat "***Valletta restauranteur insists Mepa permit was issued on basis of wrong information***" u fit 22 ta' Novembru 2012 intitolat "***War of words over Master Gunner's Quarters hots up***" bhala libelluzi u malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk,

**Tikkundanna** lill-intimat, bhala l-awtur tal-kummenti, jhallas lir-rikorrenti lkoll flimkien is-somma komplessiva ta' hamest elef Euro (€5,000) in linea ta' danni sofferti minnhom rizultat tal-kummenti li ghamel l-intimat fil-konfront taghhom.

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur